**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Rupert Brooke bin Percy Herbert u Lorna Doone nee` Anes li joqghod Nru 43, Triq il-Knisja, Gharb, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita` Nru. 410581 (M)**

Illum 25 ta' Lulju, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gozo Glass Limited bhala persuna registrata mall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII ta' l-1998) u Regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fit-23 ta' Gunju 2000 ghall-habta ta' 3:40p.m. u fi zmien li jigi qabel din id-data, fil-hanut tas-souvenirs fid-Dwejra, Ghawdex, naqas jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li jzomm kopji ta' l-ircevuti mahruga skond l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan bi ksur tal-partita 1 (g) tat-Tnax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att u l-Artikoli 76 (b) u 82 (2) ta' l-Att Nru XXIII ta' l-1998.

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli 76 (b), 82 (2) u Skeda XII u XIV ta' l-Att XXIII ta' l-1998;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur